MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tal-5 ta' Marzu, 2007

Citazzjoni Numru. 140/2007

**Saviour Grech (ID 36964 M) u Rhoda Grech (ID 299068 M)**

**Vs**

**Anthony Cutajar (ID 300183 M) u Daniel David Guiney (ID 13320 A)**

**Il-Qorti**

Rat l-**atti tar-rikors** li permezz tieghu ir-rikorrenti ssottometew :

Illi permezz ta' konvenju datat 29 ta' Settembru 2006 redatt minn Nutar Dr. Alexander Sciberras Trigona (Dok.

A), l-atturi weghdu u ppromettew li jixtru u jakkwistaw minghand il-konvenuti, li da parti taghhom weghdu u ppromettew li jittrasferulhom il-*flat* numru wiehed (1) f'*Excelsior Flats,* Triq l-Imrabat, tas-Sliema, fost ohrajn versu l-prezz ta' tmintax-il elf lira Maltin (Lm18,000) u bil-kundizzjonijiet hemm stipulati, li minnhom tlett' elef lira Maltin (Lm3,000) thallsu akkont tal-prezz fuq l-imsemmi konvenju.

Illi permezz ta' estensjoni datata 26 ta' Dicembru 2006 il-kontendenti estendew l-effetti ta' dak il-konvenju sas-26 ta' Jannar 2007 (ara Dok. A) u regghu hallsu s-somma ta' hamest' elef u tmin mitt lira Maltin akkont tal-prezz.

Illi rrizulta li l-fond mertu tal-kawza fuq imsemmi kien kolpit minn diversi ipoteki u djun u li allura l-imsemmi trasferiment ma setax isir ghal ragunijiet mhux imputabbli ghall-atturi.

Illi ghalhekk l-atturi hallsu b'kollox l-ammont ta' tmint' elef u tmin mitt lira Maltin (Lm8,800) akkont tal-prezz, liema ammont ghadu f'idejn il-konvenuti.

Illi l-atturi pprezentaw ittra ufficjali kontra l-konvenuti sabiex jikkonservaw id-drittijiet taghhom f'kull rigward, inkluz it-talba ghar-rifuzjoni lura ta' kull somma minnhom imhallsa akkont kif fuq inghad (ara Dok. B).

Illi t-trasferiment finali tal-fond fuq imsemmi ma sarx, kwindi l-konvenuti huma obbligati sabiex solidalment bejniethom iroddu u jirrifondu s-somma ta' tmint' elef u tmin mitt lira Maltin (Lm8,800) lill-atturi, bl-imghaxijiet sal-pagament effettiv.

Illi s-somma ta' tmint' elef u tmin mitt lira Maltin (Lm8,800) hija ghalhekk likwida, certa u dovuta.

Illi l-atturi jiddikjaraw illi l-konvenuti ma ghandhom ebda eccezzjoni x'jaghtu ghat-talbiet attrici.

Ghaldaqstant l-atturi qieghdin ghar-ragunijiet fuq imsemmija bil-qima jitolbu lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tordna li l-kawza tigi trattata bid-dispensa tas-smigh ai termini ta’ l-artikoli 167 *et seq.* tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta’ Malta; u

2. Prevja kull dikjarazzjoni opportuna tikkundanna lill-konvenuti sabiex solidalment bejniethom ihallsu lill-atturi s-somma ta’ tmint’ elef u tmin mitt lira Maltin (Lm8,800) bl-imghaxijiet legali mill-prezenti sal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali datata 24 ta’ Jannar 2007, Mandat ta’ Inibizzjoni, Mandat ta’ Qbid u Mandat ta’ Sekwestru li qieghdin jigu prezentati kontestwalment, u bil-konvenuti li huma minn issa ingunti in subizzjoni.

Rat illi r-rikors gie debitament notifikat lill-intimati li naqsu li jidhru u jipprezentaw r-risposta taghhom u ghalhekk baqghu kontumaci;

Semghet ix-xhieda tar-rikorrenti Rhoda Grech;

Ezaminat l-atti tar-rikors;

Billi mill-provi mhux kontradetti t-talba dedotta fir-rikors tirrizulta pruvata;

Fil-kontumacja tal-intimati tiddecidi billi tilqa’ t-talba tar-rirkorrenti kif dedotta fir-rikors bl-imghax u bl-ispejjez kontra l-intimati.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------